# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

# RAPPORT AMMINISTRATTIV: 1978/80

Daqs sentejn u nofs ilu, ċertu korrispondent taħt il-psewdonimu ta' 'Ammiratur'' f'ittra li deher f'ġurnal lokali kien staqsa, ''X'sar mill-Akkademja?'' Safejn nafu aħna, talanqas, dan l-aħħar ħadd ma reġa' tħajjar jaqbad il-pinna u jagħmel mistoqsija bħal din... Forsi għax ma kienx hemm għalfejn — għax, b'ebda ftaħir fieragħ iżda b'kumment ġust u f'waqtu, il-Kunsill preżenti ħadem u baqa' jistinka bħal dari, biex ma ngħidux aktar minn qatt qabel, qalb tant ostakli u ċerta apatija li, jisgħobbina ngħidu, fost il-membri Akkademiċi infuhom. Huwa aħna li, b'wiċċna minn quddiem ikollna, kontra qalbna, nistaqsu: Għaliex u għalfejn din l-apatija kollha minnaħa tal-membri tagħna? Għadha, jew m'għadhiex għal qalbna l-Akkademja tal-Malti? Mit-tweġiba tagħna hawn preżenti llum — u tal-ħafna u ħafna membri ta' l-isem li għandna li qatt jew tassew rarament jidhru 'l hawn — jiddependi l-ġejjieni ta' l-Akkademja tagħna... u, jekk, 60 sena ħidma ma taqtax li bdew ta' qabilna, li qegħdin nissoktaw aħna llum, qalb tant taqtigħ il-qalb, għandhomx jisfaxxaw fix-xejn u l-Akkademja tintemm irqiq irqiq...

Jekk qatt dan jiġri, dan ikun tassew għajb għalina lkoll. Wara kollox, ma rridux ninsew illi, fost l-għaqdiet kollha tal-Malti, din tagħna biss — u bir-raġun! — tħalliet uffiċjalment iżżomm l-isem glorjuż tal-lum u ta' dari, kif nafuha dejjem, l-Akkademja tal-Malti!

## KUMMISSJONIJIET

Sa mill-ewwel seduta tiegħu, dik tal-20 ta' Marzu, 1978, il-Kunsill ħatar għadd ta' Kummissjonijiet biex jispeċjalizzaw f'ħidmiet siewja, kif ġej:

**(') Kummissjonijiet Statut:** Din kienet magħmula mill-President, Dr. Wallace Gulia, ir-Rev.di Dr. Edward Fenech u Patri Ġorġ Mercieca, kif ukoll mis-Sinjuri Anton Agius Muscat u Emmanwel F. Attard. (Dawn is-Sinjuri fil-fatt kienu nħatru fil-laqgħgħa ġenerali u ġew ikkonfermati mill-Kunsill). Dil-Kummissjoni, matul ħafna laqgħat, li kull waħda minnhom kienet tieħu s-sigħat, amendat l-Istatut kollu. L-emendi mressqa minnha wara tgħarblu mill-Kunsill li biddel, naqqas jew żied l-emendi li qegħdin jitressqu quddiemkom illum għall-approvazzjoni tagħkom — għax intom

tħollu u torbtu, wara kollox. Ma kenitx biċċa xogħol ħafifa tabilħaqq.

**(ii) Kummissjoni Membri Ġodda:** Magħmul mir-Rev.du Dr. E. Fenech u s-Sinjuri Anton Grasso u E.F. Attard. Fil-laqgħat tagħha, il-Kummissjoni fliet bir-reqqa l-applikazzjonijiet li tressqu quddiemha — u għaddew is-sottomissjonijiet tagħhom lill-Kunsill skond ma jitlob l-Istatut. Dawn is-Sinjuri li ġejjin ġew approvati bħala Membri Akkademiċi:

Philip Borg (Birkirkara), Jane Cortis (Ħaż-Żebbuġ), Doris DeGiorgio (Raħal Ġdid), Charles Flores (Birkirkara), Lina Brockdorff (San Ġiljan), u r-Rev. Patri John Azzopardi, S.J. (Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara). Lil dawn il-Membri Ġodda nagħtuhom merħba, nifirħulhom u nħeġġuhom, bħala demm ġdid, jaħdmu bis-sħiħ għall-ideal ta' l-Akkademja.

**(iii) Kummissjoni Tagħrif:** Din kienet komposta mill-President, Dr. Gulia, is-Sinjorina M. Rose Gatt u s-Sur Manwel Mifsud (membru kkoptat — dan wara xi żmien kellu, kontra qalbu jirtira). Dil-Kummissjoni għadha qed taħdem biex tara d-dawl it-tieni edizzjoni tat-Tagħrif — li għad, jekk Alla jrid, tkun is sies tal-Malti kif għandu jkun. Flok is-Sinjur li rtira, daħal is-Sur Ġorġ Mifsud Chircop ta' min iżid igħid hawnhekk.

**(iv) Kumissjoni Sillabu tal-Malti:** Dil-Kumissjoni ffurmata mill-President, il-Viċi-President, is-Sur Ġużè Diacono, u s-Sur A. Agius Muscat, is-Segretarju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, ġew inkarigati jagħrblu l-affari kollha u jissottomettu l-fehmiet tagħhom lill-awtoritajiet tal-Kattedra tal-Malti fl-Università dwar is-Sillabu tal-Malti fil-Matrikola u l-Matrikola Avanzata. Il-ħatra ta' dil-Kummissjoni saret wara appell li kien sarilha minn xi Membri Akkademiċi, fuq proposta formali mis-Sur Peter A. Caruana wara li l-Kunsill sar jaf b'korrispondenza li dehret f'xi sezzjonijiet ta' l-istampa lokali.

## ĦIDMIET OĦRA

(a) Ir-Rev.du Patri Edward Fenech temm ix-xogħol b'sabar u reqqa kbira ta' l-Antoloġija ta' novelli u 'essays' — miġbura mill-ħarġiet ta' l-imgħoddi ta' 'Il-Malti'. Dil-ħidma għad tista' tkun, biex ngħidu hekk, monument ta' l-Akkademja — u investiment sabiħ fil-ġejjieni jekk iseħħ il-pjan maħsub. Il-problema waħdanija

kienet u tibqa' ta' ksir ir-ras: l-iffinanzjar biex tiġi stampata. Kif jaf kulħadd il-prezz ta' l-istampa qed jogħla mas-smewwiet...

(b) Is-Sur Ġużè Diacono, il-Viċi-President u l-Editur ta' 'Il-Malti', ħabrek kemm felaħ biex jipprova jtejjeb u jgħolli kif jixraq il-livell ta' Lsienna fit-taqsima importantissima tax-Xandir lokali. Jekk it-titjib mixtieq u jekk il-livell għoliex, dan ċertament ma jaħtix għalih la s-Sur Diacono u lanqas il-Kunsill. Ikun id-dmir tal-Kunsill il-Ġdid li jissokta l-ħidma li kienet inbdiet bi frott.

**(c) 'IL-MALTI'.** Saret, kif jafu l-Membri kollha, ħarġa speċjali ta' 'Il-Malti' b'tifkira ta' egħluq il-50 sena mill-Mewt ta' Ġużè Muscat Azzopardi, l-Ewwel President ta' l-Akkademja — numru li ġie milqugħ tajjeb. F'dan ir-rigward tista' ssir xi kritika — kritika ġustifikata, ħalli jingħad kollox... Iżda jeħteġ li qabel xejn, inkunu obbjettivi u ġusti: diffikultajiet kbar, l-aktar dawk ta' natura finanzjarja, iffaċċjaw u għadhom jiffaċċjaw lill-Editur u lill-Kunsill. Ngħiduha mill-ewwel u bla xejn tlaqliq — il-problema finanzjarja għad tista' tkun il-'coup de grace' ta' l-organu ta' l-Akkademja. Ir-riklami u s-sottoskrizzjonijiet jgħinu, u jgħinu ħafna, iżda m'humiex kollox! Il-Kunsill li sejjer jinħatar ikollu sfida kbira — għadma iebsa tassew! — biex 'Il-Malti' jissokta jeżisti kif eżista għal dawn l-aħħar 50 sena. Jekk dan jispiċċa tkun tabilħaqq ingħalqet paġna oħra sabiħa tal-ħidmiet ta' l-Akkademja tagħna...

(d) Dr. Wallace Gulia, il-President, kien inħatar Membru tal-Kumitat tas-Sussidji, imwaqqaf mill-Gvern, biex jifli xogħlijiet bil-Malti — ġieħ għalih u għall-Akkademja. Hawn ta' min isemmi li, bis-saħħa tal-President, il-Gvern aċċetta l-proposta li l-premju annwali ta' £M500 jkun jista' jingħata wkoll għal xogħlijiet letterarji bil-Malti — barra dawk b'ilsna barranin.

(e) Madankollu, l-akbar suċċess li kellha dan l-aħħar l-Akkademja tal-Malti kien fil-qasam tax-Xandir. Ta' min ifakkar li l-Akkadmeja ngħatat sensiela ta' programmi letterarji ta' 30 minuta l-wieħed fil-ġimgħa. Dawn jinstemgħu kull nhar ta' Tnejn fit-3.05 p.m., b'ripetizzjoni l-Ġimgħa, fid-9.05 a.m. Kif tafu lkoll — hawn qegħdin jitniżżlu ħalli, kif jixraq, jibqgħu mniżżla uffiċjalment f'dar-Rapport Amministarttiv — dawn huma kif ġej:

- **'Mill-Arkivji'** — b'editur responsabbli s-Sur Anton Agius Muscat.
- **'Kittieba ta' Llum'** — editur, is-Sur Anton Grasso.
- **'Aħna u l-Malti'** — editur Dr. Wallace Gulia.

■ **'L-Ilsien Malti'** — editur, is-Sur Ġużè Diacono.

Dawn bdew fil-31 ta' Diċembru, 1979. Skond ma ġejna mgħarrfin — minn diversi mkejjen — dawn qegħdin jiġu milqugħa tajjeb u għamlu suċċess għax, mid-dehra, imlew vojt li kien ilu jinħass: programmi letterarji ta' livell għoli.

Barra minn dawn il-programmi, qiegħda tithejja sensiela oħra ta' programmi letterarji televiżivi bl-isem ta' 'Ħarsa mill-Qrib' — 13-il wieħed b'duratura ta' 30 minuta bil-għan li "il-pubbliku Malti jsir jaf xi ftit aħjar uħud mill-aħjar Kittieba tal-Malti ħajjin" (ħalli nikkwota dak li kiteb is-Sur Agius Muscat, il-ħabrieki Segretarju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi — maħtur ko-ordinatur responsabbli mill-Kap tal-Programmi, TVM). L-Akkademja tal-Malti daħlet bil-ħeġġa kollha ħalli tagħti sehemha kif mistenni minnha — ħaġa li bdiet titwettaq diġà — prova li l-Għaqda l-aktar anzjana tal-Malti f'pajjiżna għad hemm il-ħtieġa tagħha fil-qasam tal-Malti u li lesta tibqa' tagħti l-kontribut siewi tagħha għal bosta u bosta snin oħra — sakemm il-Maltin jibqgħu jgħożżu Lsien Art Twelidhom. Saru bosta ħidmiet oħra li ma dehrilniex li għandhom jinżlu hawn — għax kieku dan ir-Rapport kien ikun wisq itwal.

Ma nixtiqux intemmu r-Rapport tagħna b'nota morra — iżda ma nistgħux, inħallu barra u ma nfakkrux lil dawk il-Membri fostna li m'għadhomx fostna: il-Professur Ġużè Galea, President ta' l-Akkademja għal ħafna snin, lir-Rev.du Patri Prof. Serafin Zarb u lis-Sur Ġorġ Stevens. R.I.P.